MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 78/2007

**Goran Culic**
**(ID-117803 L)**

**Vs**

**Medichem Manufacturing (Malta) Limited (C-33743)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta` Jannar, 2007 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta` seba` mija u hamsin lira maltija (Lm750) illum ekwivalenti ghal Euro1,747.03c, rapprezentanti bilanc ta` somma minnu zborsata bhala allowances waqt stharrig gewwa Spanja bejn Marzu u Gunju, tas-sena 2005 u dana in konnessjoni ma` l-impjieg tieghu bhala maintenance operator, liema stharrig kien ordnat lilu mis-socjeta` konvenuta waqt li l-attur kien impjegat ma` l-istess socjeta`.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra bonarja datata 14 ta` Ottubru, 2005, annessa Dok. A kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 16 ta` Frar, 2007 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi hija kienet hallset l-allowances kollha li kellhom jigu mhallsa ghan-nom ta` l-attur in konnessjoni ma` l-istharrig tieghu gewwa Spanja kif ser jigi ppruvat waqt il-kaz u ghalhekk it-talba ta` l-attur kellha tigi respinta.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Ma hux kontestat li l-attur ghamel xi zmien jahdem mas-socjeta` konvenuta bhala maintenance manager jew maintenance operator (ma hiex daqstant rilevanti n-nomenklatura) u fil-perjodu ta` dan l-impjieg tieghu huwa kien intbaghat f'xi tliet okkazzjonijiet gewwa Spanja. Fil-bidu ta` l-impjieg il-partijiet kienu ffirmaw xi dokument bejniethom, presumibbilment fuq l-impjieg, pero` din baqghet qatt ma giet ezebita. Il-kwistjoni li waslet ghal vertenza f'dina l-kawza tikkoncerna certa spejjez li hareg l-attur minn butu li baqghu ma gewx refuzi mis-socjeta` appellata. Din ta` l-ahhar qieghedha tallega li hallset dak kollu mistenni minnha u li l-attur mhux biss ma gabx ebda provi konkreti dwar l-istess izda anqas ma jirrizulta li huwa kien awtorizzat jew talab xi permess biex johrog certa spejjez.

Fil-prospett li ezebixxa l-attur Dok. CG 1 ghandu jirrizulta li huwa qed jippretendi hlasijiet konnessi ma` nfieq fuq ikel, telefonati w konsum ta` petrol. Dan il-prospett pero` ma hux konfortat b'ebda ricevuti jew dokumenti ohra relattivi ghalkemm jidher evidenti li n-natura ta` certa spejjez kienu necessarji li jsiru u li jigu kkonsmati. L-attur jallega li l-ftehim kien li jhallas nofs l-ispejjez ta` l-ikla ta` nofs in-nhar filwaqt li filghaxija kellu jiekol fil-lukanda fejn allokawh

pero` dan ma setax jghodd ghal weekend peress li r-restaurant tal-lukanda kien ikun maghluq. In kontro-ezami l-attur jikkonferma li d-dokumenti fil-bidu kienu gew iffirmati mal-Misco u li ma kienx semma dawn il-pretenzjonijiet tieghu waqt li kien gewwa Spanja. Ighid ukoll li t-tieni kuntratt mas-socjeta` konvenuta kien gie ffirmat wara il-mawra tieghu gewwa Spanja u jammetti li ma ssemma xejn dwar dawn l-ispejjez tieghu – *ad verbatim* ighid *'it was never the issue, it did not come about"*. Huwa jammetti wkoll li qaghad semplicement fuq konversazzjoni skambjata ma` l-ufficcjali tal-Misco u kwindi mhux ma xi ufficcjali tas-socjeta` konvenuta.

L-attur ressaq ix-xhieda bl-affidavit ta` Michael Trapani, mpjegat iehor tas-socjeta` konvenuta li jidher li ghadda mill-istess esperjenza ta` l-attur u cioe` li huwa kien inghata l-impressjoni li l-ispejjez kollha kienu ser jigu koperti u in segwitu rrizulta li l-ufficcjali tas-socjeta` konvenuta ma kienux fil-fatt assumew tali obbligu rigwardanti certa spejjez bhal dawk konnessi ma` ikel u transport. Huwa wkoll baqa` ma thallasx ta` dawn l-ispejjez pero` ma ha ebda azzjoni kontra s-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta ezebiet il-kuntratt ta` l-impjieg ta` l-attur immarkat Dok. MB1, mnejn jirrizulta li l-impjegat kellu jaghmel xi training period gewwa Spanja qabel ma jissokta x-xoghol gewwa Malta (Art 1.5). Ma jissemma xejn dwar rimbors ta` spejjez. Dan il-kuntratt igib id-data tat-2 ta` Jannar, 2005 pero` stranament jaghmel referenza li ghandu jigi meqjus bhala li gia` beda f'perjodu fil-futur (7/3/05) flok fil-passat pero` fi kwalunkwe kaz l-attur kien gia` ikkonferma li dan il-kuntratt kien gie ffirmat f'perjodu sussegwenti ghaz-zmien li huwa kien gia` ghamel gewwa Spanja.

Is-socjeta` konvenuta ezebiet ukoll sensiela ta` dokumenti lkoll immarkati Dok. MB2 li jindikaw diversi pagamenti maghmula minnha a beneficcju ta` l-attur. Dawn l-ircevuti huma prova ta` hlasijiet li saru in konnessjoni ma` transport, kiri ta` vettura, lukandi u restoranti.

L-attur jammetti li s-socjeta` konvenuta kienet halsitlu dawn l-ispejjez pero` jafferma li ma kienux halsulu ta` kollox. Mill-banda l-ohra pero` huwa naqas, anzi ammetta li ma kienx f’posizzjoni li jipprezenta supporting documents u / jew ricevuti ta` l-ispejjez minnu zborsati skond hu kif jidher fil-prospett minnu ezebit.

Illi t-Tribunal jinnota li huwa principju bazilari f’process gudizzjarju li l-oneru tal-prova taqa` fuq min qed jallega, f’dan il-kaz l-attur, u fil-kaz in ezami jidher car li l-attur naqas bi kbir milli jissoddisfa dan ir-rekwizit kardinali. L-anqas ma hu l-kaz li wiehed jirrikorri ghal gudizzju fuq bazi ta` ekwita peress illi s-socjeta` konvenuta gabet provi sufficjenti li ssoddisfat l-obbligi kontrattwali taghha u dana tramite il-kuntratt ta` l-impjieg (li gie ffirmat addirittura wara li kienu gia` saru l-ispejjez allegati mill-attur) u kif ukoll permezz ta` dokumentazzjoni fuq hlasijiet maghmula minnha a beneficcju ta` l-attur.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, kwindi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------